DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 132/2015

tal-11 ta' Ġunju 2015

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE [2016/2167]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/47/KEE ([1]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-31 ta' Diċembru 1997, u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/120/KEE ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-31 ta' Diċembru 1995, u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 85/446/KEE ([3]) tħassret bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/345/KE ([4]), li kienet inkorporata fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentement ir-referenza għad-Deċiżjoni 85/446/KEE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/515/KEE ([5]) tħassret bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/657/KE ([6]), billi ż-żewġ Deċiżjonijiet huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentement ir-referenza għad-Deċiżjoni 90/515/KEE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/257/KEE ([7]) tħassret bid-Deċiżjoni 2002/657/KE, billi ż-żewġ Deċiżjonijiet huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentement ir-referenza għad-Deċiżjoni 93/257/KEE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/306/KE ([8]) tħassret bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/878/KE ([9]), billi ż-żewġ Deċiżjonijiet huma inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentement ir-referenza għad-Deċiżjoni 94/306/KE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(7) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/695/KE ([10]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-31 ta' Diċembru 1997 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(8) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/59/KE ([11]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-Il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 1997 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(9) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/62/KE ([12]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-Il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 1997 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(10) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/70/KE ([13]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-Il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 1997 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

([1]) ĠU L 268, 14.9.1992, p. 33.
([2]) ĠU L 62, 15.3.1993, p. 86.
([3]) ĠU L 260, 2.10.1985, p. 19.
([4]) ĠU L 133, 4.6.1996, p. 29.
([5]) ĠU L 286, 18.10.1990, p. 33.
([6]) ĠU L 221, 17.8.2002, p. 8.
([7]) ĠU L 118, 14.5.1993, p. 75.
([8]) ĠU L 133, 28.5.1994, p. 51.
([9]) ĠU L 305, 7.11.2002, p. 57.
([10]) ĠU L 282, 29.10.1994, p. 1.
([11]) ĠU L 55, 11.3.1995, p. 42.
([12]) ĠU L 55, 11.3.1995, p. 45.
([13]) ĠU L 59, 17.3.1995, p. 32.

(11) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/71/KE ([1]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-Il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 1997 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(12) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/210/KE ([2]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-Il-Ħadd, 14 ta' Ġunju 1998 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/93/KE ([3]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-It-Tlieta, 31 ta' Diċembru 1996 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(14) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/94/KE ([4]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-It-Tlieta, 31 ta' Diċembru 1996 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(15) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/95/KE ([5]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-It-Tlieta, 31 ta' Diċembru 1996 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(16) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/283/KE ([6]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-L-Erbgħa, 14 ta' April 1999 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(17) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/360/KE ([7]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, ma għadhiex valida u konsegwentement għandha tiġi mħassra skont il-Ftehim ŻEE.

(18) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/38/KE ([8]) tħassret mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1664/2006 ([9]), billi ż-żewġ Deċiżjonijiet ġew inkorporati fil-Ftehim ŻEE, u konsegwentement ir-referenza għad-Deċiżjoni 97/38/KE għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(19) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/504/KE ([10]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-L-Erbgħa, 1 ta' Mejju 2002 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(20) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/182/KE ([11]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-Il-Ħamis, 4 ta' April 2002 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(21) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/440/KE ([12]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, tħassret mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/198/KE ([13]) u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(22) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/835/KE ([14]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-Il-Ħadd, 31 ta' Diċembru 2006 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(23) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/65/KE ([15]), li hija inkorporata fil-Ftehim ŻEE, skadiet fil-It-Tlieta, 28 ta' Frar 2006 u konsegwentement ir-referenza għaliha għandha titħassar mill-Ftehim ŻEE.

(24) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni rigward kwistjonijiet veterinarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

([1]) ĠU L 59, 17.3.1995, p. 33.
([2]) ĠU L 132, 16.6.1995, p. 19.
([3]) ĠU L 21, 27.1.1996, p. 72.
([4]) ĠU L 21, 27.1.1996, p. 73.
([5]) ĠU L 21, 27.1.1996, p. 74.
([6]) ĠU L 107, 30.4.1996, p. 16.
([7]) ĠU L 138, 11.6.1996, p. 25.
([8]) ĠU L 307, 12.11.1997, p. 33.
([9]) ĠU L 320, 18.11.2006, p. 13.
([10]) ĠU L 201, 9.8.2000, p. 6.
([11]) ĠU L 77, 16.3.2001, p. 22.
([12]) ĠU L 154, 30.4.2004, p. 97.
([13]) ĠU L 65, 11.3.2005, p. 33.
([14]) ĠU L 360, 7.12.2004, p. 28.
([15]) ĠU L 27, 29.1.2005, p. 52.

(25) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-testi tal-punti 23 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/306/KE), 41 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/93/KE), 42 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/94/KE), 43 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/95/KE), 56 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/504/KE) u 81 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/65/KE) tal-parti 4.2 jitħassru.

2. It-testi tal-punti 29 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/59/KE), 30 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/62/KE), 32 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/70/KE), 33 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/71/KE) 37 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/210/KE), 40 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/283/KE) u 57 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/835/KE) taħt it-titolu "ATTI LI JRIDU JIĠU KKUNSIDRATI MILL-ISTATI EFTA U MILL-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA" jitħassru.

3. It-testi ta' punti 5 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/120/KEE) u 12 (id-Direttiva tal-Kunsill 92/47/KEE) tal-Parti 6.1 jitħassru.

4. It-testi tal-punti 3 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 85/446/KEE), 8 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/515/KEE), 15 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/257/KEE), 20 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/306/KE), 24 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/695/KE), 33 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/360/KE), 35 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/38/KE), 41 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/182/KE) u 50 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/440/KE) tal-Parti 6.2 jitħassru.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Ġunju 2015, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huma indikati ebda rekwiżiti kostituzzjonali